MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2068/2003

**James Camilleri**

**Vs**

**Mark Anthony Deguara**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ Ottubru 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm753.25 (seba` mija tlieta u hamsin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati fil-vettura tal-attur DBA 789.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat ihallas lil-attur s-somma ta’ Lm753.25 (seba` mija tlieta u hamsin Lira Maltin hamsa u ghoxrin centezmu) minnek dovuta lilu bhala prezz ta’ hsarat ikkagunati minnek fil-

vetturta tal-attur numru ta’ registrazzjoni DBA 789, wara incident awtomobilistiku li gara b’tort unikament tieghu f’Ta` Xbiex fl-1 ta’ Mejju 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 10 ta’ Lulju 2003.
Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur, stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’xi tort tal-konvenut izda sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor James Camilleri, hekk kif ser jii ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi hawn si tratta ta’ kollizzjoni frontali fi triq abbastanza wiesgha rinomata u frekwentata ghandha ukoll kurva kummercjali fit-tul.

Fil-waqt li l-konvenut jallega li kien l-attur li baqa diehel go fih wara li sema hoss ta’ brejk, l-attur isostni li kien il-konvenut li ried jikser lejn il-lemin tieghu, tant li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu.

Illi kif jirrizulta mill-iskrizz, l-attur ipprova jevita l-kollizzjoni u di fatti halli ndikazzjoni ta` ghaxar (10) metri brake marks. Dan jfisser li l-konvenut hasad lill-attur u ma rnexxilux jevitah. Kien fil-mument tal-agunija tal-incident.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut kien qed isuq ferm il-barra mill-bankina fejn in-naha tax-xellug tieghu. Tant hu hekk illi fire-engine waqfet fl-ispazju bejnu u l-bankina.

Illi l-attur fil-kamp civili irid jiprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta’ probabilita dettani differenti mid-dritt penali. Dan l-oneru gie minnha skarigat.

Illi l-kap tal-ispejjes ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundannah ihallas is-somma ta` seba mija tlieta u hamsin lira u hamsau ghoxrin centezmu (Lm753.25) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------